**28 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Nobbli Hugh Sant Fournier ne.

*versus*

Salvatore Cassar Ellul

**Ripetizzjoni ta' Indebitu — Żball — Bank — Pagament — Titolu għall-Portatur — Ċedola — Mandat — Azzjoni Surrogatorja — Art. 1196 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-pagament magħmul minn Bank lill-persuna li għandha sempliċement il-pussess tat-titolu jew ċedola rappreżentanti l-flus depożitati fil-Bank, jiġifieri lis-sempliċi detentur ta' dak it-titolu jew ċedola, ma hux pagament validu; għax meta l-liġi ssemmi l-persuna "fil-pussess tal-kreditu" dan ma jfissirx il-persuna li għandha f'idejha d-dokument li jirrappreżenta l-kreditu, imma dik il-persuna li apparentement għandha l-kwalità ta' kreditur, ossija li għandha l-pussess tad-dritt stess ta' kreditu, u mhux biss tad-dokument. Dan jingħad ammenokkè ma jkunx jittratta minn titolu għall-portatur, billi f'dan il-każ il-liġi tippreżumi mhux biss il-pussess, imma anki l-proprjetà.*

*Għaldaqstant, jekk iċ-ċedola tkun nominattiva, ma taqgħax taħt*

*din l-eċċezzjoni; imma jekk il-kreditur tad-depożitu jkun ta lill-Bank istruzzjonijiet fis-sens illi l-imgħax ta' dak id-depożitu għandu jitħallas lill-persuna li tippreżenta l-istess ċedola, kwantu għall-imgħax iċ-ċedola tiġi konvertita f'titolu għall-portatur, u l-pagament tal-imgħax magħmul lill-persuna li tippreżenta l'll-Bank dik iċ-ċedola huwa pagament magħmul validament u legalment.*

*Dan iġib għall-konsegwenza illi jekk ikun hemm indebitu, għax l-imgħax li tħallas ma kienx dovut, dak l-indebitu hu rifondibbli minn sid id-depożitu, u mhux minn min irċevieh; għax sid id-depożitu, bil-fatt li telaq iċ-ċedola f'idejn ħadd ieħor, jiġi qiesu nnomina bħala mandatarju tiegħu lill-persuna li tippreżenta ċ-ċedola fil-Bank, u per konsegwenza il-pagament li sar lil dik il-persuna jitqies pagament magħmul lilu. u l-indebitu, jekk ikun hemm, hu debitur tiegħu s-sid. Kwindi l-pretensjoni tal-proprjetarju taċ-ċedola fis-sens illi l-Bank, biex jitlob lura dak l-indebitu, ma għandux jaġixxi kontra tiegħu in vija diretta, imma kontra l-persuna li rċevietu, u li kwindi hu kellu jaġixxi bl-azzjoni surrogatorja, hija infondata.*

*Ma tiswiex l-allegazzjoni ta' sid id-depożitu illi hu ma kienx possessur taċ-ċedola meta sar il-pagament ta' dak l-imgħax; għax kienet ħtija tiegħu li ħalla ċ-ċedola għand persuna oħra u ma ħax passi biex jirtiraha. u hekk ippermetta l-possibilità li dik il-persuna tkun tista' tissorprendi l-bwona fede tal-Bank.*

*L-iżball ta' min ikun ħallas indebitament — "error facti" — huwa l-fondament tal-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lid-ditta attriċi s-somma ta' £15.15.0 lilu mħallsa ndebitament u bi żball għall-imgħaxijiet fuq ċedola numru 13676, kif ukoll l-istess ċedola, billi s-somma depożitata rappreżentata minn dik iċ-ċedola kienet ġiet depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1956 in segwitu għal

mandat ta' sekwestru; bl-imgħaxijiet legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 1957. Il-konvenut ġie mħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1958, li biha, wara li qabel xejn ordnat li, bi spejjeż tal-attur nomine, issir il-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa magħha fis-sens u t-termini ndikati fl-istess sentenza, iddeċidiet adeżivament għat-talba tal-attur nomine, u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed, imma d-dritt tar-Reġistru għaċ-ċitazzjoni u għas-sentenza jħallashom il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-Banka attriċi kienet iżżomm żewġ depożiti, it-tnejn fissi, u bl-interessi tat-3½% fis-sena, wieħed ta' £450 fuq isem il-konvenut, u l-ieħor ta' £1000 fuq isem Lucy sive Rosaria Cassar Ellul, il-mara tiegħu, li minnhom tal-ewwel kien rappreżentat b'ċedola numru 13676 li kienet tiskadi fid-9 ta' Ottubru ta' kull sena, u tat-tieni kien rappreżentat b'ċedola numru 1387. Is-somma ta' £450, cjoè £466.5.8 wara li ġew dedotti l-ispejjeż, il-Banka attriċi ddepożitatha l-Qorti fit-30 ta' Novembru 1956, in segwitu għal mandat ta' sekwestru ottenut kontra l-konvenut minn Ugo Pace; u mis-somma l-oħra ta' £1000 l-Banka attriċi ddepożitat ukoll il-Qorti £505.2.8 in segwitu għal mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut ottenut mill-Perit Joseph Camilleri Galea, u dan fis-17 ta' Lulju 1957. B'dan il-mod fl-imsemmija Banka l-ewwel depożitu spiċċa għal kollox, u mit-tieni depożitu baqa' biss bilanċ ta' £495;

Illi l-attur nomine jippretendi li fit-13 ta' Novembru 1957, jiġifieri fi żmien meta l-imsemmi depożitu ta' £450 kien ilu li ħareġ mill-Banka attriċi, il-konvenut ġie mħallas bi żball mill-istess Banka, u huwa rċieva indebitament, is-somma ta' £15.15.0 għall-interessi fuq l-imsemmi depożitu ta' £450 rappreżentat biċ-ċedola numru 13676; u għalhekk qiegħed jitlob minn għand il-konvenut ir-restituzzjoni ta' din is-somma ta' nteressi, flimkien mal-istess ċedola, li baqgħet għand il-konvenut; u dan biex l-istess

ċedola tiġi mħassra, billi fil-Banka ma għadx hemm flus rappreżentati minnha;

Illi, kif jidher mid-depożizzjoni tiegħu, il-konvenut jikkontesta t-talba attriċi, billi jgħid li huwa ma żbankax u ma ħax dawk il-£15.15.0, u li dawk il-flus għandu jkun responsabbli għalihom min ħallashom, mhux huwa; anzi huwa kien ta avviż lill-Banka biex, jekk xi ħadd imur biċ-ċedola, interessi ma jagħtuhx. Il-konvenut, infatti, jgħid li ċ-ċedola msemmija kien taha lill-ħuh Giuseppe biex dan jieħu l-interessi fuqha, imma in segwitu huwa ġġieled ma' dan ħuh, u għalhekk, billi ċ-ċedola baqgħet għand ħuh, huwa nforma lill-Banka biex ma tħallasx l-interessi lil min kien seta' jippreżenta ruħu b'dik iċ-ċedola għal dak l-iskop;

Illi dawn il-kontestazzjonijiet tal-konvenut mhumiex sostenibbli. Hu veru li, kif jirriżulta, is-somma ta' £15.15.0 ġiet effettivament żbankata mhux mill-konvenut, iżda minn waħda mara li ppreżentat iċ-ċedola relattiva; imma hu ċert li, sar minn min sar dak l-iżbank, il-konvenut kien jaf bih, għaliex huwa stess qal fl-ewwel depożizzjoni tiegħu "l-imgħax konna ħadnihom", jiġifieri dik is-somma ta' interessi huwa ħadha ma' ħadd ieħor. Din is-somma ta' nteressi setgħet titħallas lil dik il-mara, ladarba hija ppreżentat iċ-ċedola, u kieku l-flus rappreżentati mill-istess ċedola kienu għadhom jeżistu l-Bank; għaliex kien hemm notament fis-sens li l-"interest must be paid to the person presenting this fixed deposit" — permess dan, jew kunsens, li naturalment kien ġie mogħti mill-konvenut. Issa, il-konvenut kien fid-dmir mhux biss li ma jipparteċipax, kif qal li għamel, mis-somma ta' dawk l-interessi, imma li lanqas ma jħalli li jsir dak l-iżbank, li, kif ingħad, ġie effettwat fit-13 ta' Novembru 1957, għaliex huwa kien jaf li s-somma li fuqha ntħadu dawk l-interessi ma kienetx għada fil-Banka attriċi; tant dan il-konvenut kien jafu, li minn dik is-somma li kienet ġiet depożitata l-Qorti b'ċedola nru. 47 tat-30 ta' Novembru 1956, fl-ewwel ta' Diċembru ta' dik is-sena huwa kien żbanka mill-Qorti, bil-kunsens u ftehim tal-kreditur tiegħu, £306.5.8. Il-konvenut jgħid li huwa kien minn qabel avża lill-Banka biex ma jħallsux dawk l-interessi, u kwindi mhux responsabbli għal dak li sar. Apparti però dak li ġa ntqal, jiġifieri li l-konvenut

kien konniventi f'dak l-iżbank, u kwindi ma jiswa xejn li huwa kien qabel ta dak l-avviż, jibqa' dejjem li l-avviż minnu mogħti lill-Banka, per mezz tal-Avukat Dr. Borg Cardona, ma kienx biex il-Banka attriċi ma tħallasx l-interessi tal-£450 kapital depożitat, imma biss biex il-Banka ma tħallasx il-kapital;

Infatti, f'dak l-avviż, kif jidher minn notament relattiv, jingħad hekk:— "Capital not to be paid without the consent of Salvatore Cassar Ellul" (fol. 16) — notament li jidher li kien jirriferixxi għal xi żbank li seta' għamel Giuseppe Cassar, ħu l-konvenut (billi dan kien ta ċ-ċedola lilu); għaliex fl-istess notament jingħad ukoll:— "This receipt is being kept by his brother (Joseph)". Dan kollu hu korroborat mill-Avukat Dr. Borg Cardona, li jgħid fix-xhieda tiegħu:— "Jiena ktibt lill-Banka u... mort mbgħad mal-konvenut stess... u kienu ħadu notament li ma jagħtu xejn minn dawn l-£450 lil Giuseppe Cassar". Il-konvenut jgħid li huwa kien ta ċ-ċedola lil ħuh Giuseppe biex dan ikun jista' jiżbanka l-interessi fuqha, imma mbgħad, meta ġġieled miegħu huwa ta dak l-avviż lill-Banka; imma ma jirriżultax soddisfaċentement li kien hemm ġlied bejn il-konvenut u l-imsemmi ħuh. Marianna Cassar, il-mara ta' ħu l-konvenut, tgħid li ma tafx li żewġha kien miksur mal-konvenut, u taf żgur li żewġha kien ħabib ma' ulied il-konvenut u martu, u kien ukoll imur jiekol għandu; u l-konvenut stess jgħid ukoll, fix-xhieda tiegħu, li ħuh Giuseppe jmur għandu u jiekol ukoll għandu. Fl-aħħarnett, il-konvenut jgħid, dejjem fix-xhieda tiegħu, li ċ-ċedola msemmija qegħdha għand ħuh, u l-Banka attriċi kellha tinteressa ruħha u teżiġi dik iċ-ċedola minn għandu. Dan ir-raġunament tal-konvenut mhux korrett; il-Banka attriċi taf dik iċ-ċedola minn għand il-konvenut, u mhux minn għand ħadd ieħor. Barra minn hekk, l-istess konvenut jammetti li huwa lill-ħuh qatt ma qallu bis-sekwestru li kien sarlu fuq id-depożitu tal-£450 u li dawn l-£450 ma kienux għadhom depożitati l-Banka, u ntant jgħid ukoll li lill-ħuh kien tah dik iċ-ċedola biex biha, wara li jippreżentaha, jirċievi mill-Banka l-interessi fuq dik is-somma;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu jirrestitwixxi lill-attur nomine tant il-£15.15.0

ġa msemmijin, kemm ukoll iċ-ċedola numru 13676, li wkoll issemmiet. Hu l-konvenut li għandu jagħmel dmiru isib, jekk ma jafx, fejn hi l-istess ċedola u jipprokura li jeħodha fil-poter tiegħu, biex mbgħad jgħaddiha lill-attur nomine. It-talba attriċi hi għalhekk ġustifikata;

Illi minn dan li ntqal għandha tiġi milqugħa t-talba tal-attur nomine, kontenuta fin-nota tiegħu tal-25 ta' Ġunju 1958, fis-sens li tiġi korretta tant iċ-ċitazzjoni kemm id-dikjarazzjoni annessa magħha; iċ-ċitazzjoni, billi d-data "17 ta' Lulju 1957" tiġi mħassra u sostitwita b'dik ta' "30 ta' Novembru 1956"; u d-dikjarazzjoni, billi fl-ewwel paragrafu l-kliem ta' "£1000 f'isem Rosaria sive Lucy" jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem ta' "£450 f'isem Salvatore Ellul". Barra minn dan,...... dawn il-fatti hekk erroneament esposti, kienu mhux biss superfluwi għall-kawża, imma taw lok għal ħafna tfixkil u komplikazzjonijiet li tawlu l-kawża, u rrendew neċessarja l-produzzjoni ta' ħafna provi li ma kienetx tinħass in-neċessità tagħhom kieku l-istess fatti ma ssemmew xejn, kif fil-fatt ma kellhomx għalfejn jissemmew. Għalhekk hemm lok mhux biss ta' temperament fiil-kap tal-ispejjeż, imma wkoll, u iżjed, li d-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni tiġi wkoll ulterjorment korretta, u hekk tesponi l-veri fatti tal-kawża, billi l-paragrafi mit-tnejn (2) sas-sitta (6), it-tnejn inklużi, jiġu mħassra, u sostitwiti b'dawn il-paragrafi......;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut fol. 57, u l-petizzjoni tiegħu fol. 58, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata għaliex l-azzjoni ma kienetx tikkompeti lill-attur nomine in vija diretta, iżda kien imissu jaġixxi bl-azzjoni surrogatorja, u f'każ ta' riġett ta' din l-eċċezzjoni, tiġi wkoll revokata, billi tiġi miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; u tiġi konfermata fejn akkollat nofs l-ispejjeż lill-attur nomine, u revokata fejn akkollat lill-konvenut nofs l-ispejjeż u dawk tar-Reġistru u taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kollha tal-ewwel u tat-tieni talba kontra l-attur nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti mnejn oriġinat din il-kawża huma rikapitolati fis-sentenza appellata, superjorment riportata;

Biex jistgħu jiġu valjati l-motivi ta' aggravju, kompriża l-preġudizzjali sollevata fil-petizzjoni tal-appell, jeħtieġ li jiġi preliminarment indagat jekk il-pagament li għamel il-Bank attur, tas-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni, kienx pagament legalment magħmul;

Si trattava ta' ċedola ta' depożitu nominattiva f'isem il-konvenut. "Ex admissis", il-ħlas ta' dik is-somma ma sarx lilu, imma lil waħda mara li ppreżentat iċ-ċedola (ara dep. Sciortino fol. 10 u 11). Ma jirriżultax li dik il-mara ppreżentat xi prokura bil-miktub biex turi li kienet qegħdha tirrappreżenta biha lit-titolar taċ-ċedola, ċjoè lill-konvenut. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk jistax jingħad li l-pagament sar għat-tenur tal-art. 1196 Kap. 23 Ediz. Riv., in bwona fede lil persuna li kienet fil-pussess tal-kreditu. Dan l-artikolu tal-Liġi Maltija hu simili għall-art. 1242 tal-Kodiċi Taljan u 1240 tal-Kodiċi Franċiż. Id-dottrina hi konkordi filli tirritjeni li, meta l-liġi ssemmi l-persuna "fil-pussess tal-kreditu", dan ma jfisserx il-persuna li għandha f'idejha d-dokument li jirrappreżenta l-kreditu, imma dik li apparentement għandha l-kwalità ta' kreditur, ossija li għandha l-pussess tad-dritt stess ta' kreditu, u mhux biss tad-dokument. Il-pagament magħmul lis-sempliċi detentur tat-titolu ma hux legalment validu (ara Baudry, Obbligaz. Vol. II, p. 549, para. 1445 u 1446; Marcadè, Comm. art. 1240, Vol. 6, paġ. 620, para. 686; Laurent, Vol. XVII, paġ. 408, para. 543; Zachariae, tomo 1, §317 note; Cattaneo e Borda, art. 1242 nota (4); Ricci, Vol. VI, para. 254, paġ. 323-324; Fadda, art. 1242, para. 4 u 5);

Kif ingħad, il-pussess tat-titolu ma hux biżżejjed, ammenokkè ma jkunx il-każ ta' titolu għall-portatur; f'każ simili, id-detenzjoni tat-titolu tippreżumi mhux biss il-pussess, imma anki l-proprjetà (ibid.);

Issa, fil-każ preżenti, hu veru li ċ-ċedola kienet nominattiva, u "ut sic" ma taqgħax taħt l-eċċezzjoni; imma dik iċ-ċedola, "limitatament għall-ħlas tal-imgħax", ġiet mill-partijiet konvertita f'titolu għall-portatur, bil-kliem li nki-

teb fuqha (xhieda Sciortino paġ. 10) — "the interest will be paid to the person presenting this fixed deposit". Vwoldiri, għall-pagament tal-imgħax ġie konvenut bejn il-Banka depożitarja u l-konvenut depożitant li kien biżżejjed għall-ħlas liberatorju l-fatt li tiġi preżentata ċ-ċedola;

Għalhekk, meta l-attur nomine ħallas lil dik il-mara l-imgħax, il-pagament għall-attur nomine u għad-depożitant (il-konvenut) kien validu "quoad accipientem";

Dawk il-kliem, miktubin fuq iċ-ċedola, iġibu anki l-konsegwenza li, jekk hemm indebitu, dan għandu jħallsu lura l-konvenut; għaliex b'dawn il-kliem — kombinati mal-fatt li l-konvenut volontarjament telaq iċ-ċedola f'idejn ħadd ieħor, hu ġie qiesu kkostitwixxa mandatarju tiegħu lill-persuna li tippreżenta ċ-ċedola; u per konsegwenza l-pagament li sar lil dik il-persuna jitqies pagament magħmul lill-istess konvenut. Jgħid il-Pothier, Obbligaz. nru. 502:— "Il pagamento fatto a coloro i quali derivano dal creditore la potestà di ricevere per lui si reputa fatto al creditore medesimo......";

Il-korollarju loġiku hu li, jekk hemm indebitu, id-debitur tiegħu huwa min legalment irċieva l-indebitu, li, skond dak li ngħad fuq, hu appuntu l-konvenut; għax min irċieva s-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni rċeviha "procuratoris nomine" in forza tal-pussess tat-titolu, li kien titolu għall-portatur limitatament għall-imgħax, u in forza ta' dawk il-kliem;

Għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut appellant ma hix sostenibbli, għaliex l-azzjoni tal-indebitu (art. 1065 Kap. 23) hi eżerċibbli mill-pagant kontra l-kreditur imħallas bi żball "direttament", u l-kreditur imħallas bi żball f'dan il-każ hu l-konvenut. Is-sentenza ċitata mill-appellant, fil-Vol. XXIX-II-308, ma tapplikax għal dan il-każ, għaliex kienet tirriferixxi għal fattispeċje u aspetti diversi;

Ikkunsidrat;

L-aggravji l-oħra huma dawn:—

1. L-appellant ma kienx possessur taċ-ċedola fil-mument tal-pagament tal-imgħax;

2. L-imgħax ġie mħallas lil persuna oħra li ma kienetx mandatarju tal-appellant;

3. Il-Bank attur ġie regolarment diffidat mill-appellant;

4. Min ħallas ma kienx jivversa fi żball, għaliex kien imissu jaf li l-imgħax ma kienx dovut, peress li kien sar id-depożitu fil-Qorti;

Dwar l-ewwel aggravju, għandu jiġi osservat li ebda vantaġġ ma jista' jirrikava l-appellant mill-fatt li ċ-ċedola kienet għand persuna oħra, għal dawn ir-raġunijiet:— (a) l-awturi huma d'akkordo li l-kreditur hu fi ħtija jekk hu ħalla lil ħaddieħor ikun fil-pussess tat-titolu. Ara Baudry, loc. ċit., fit-tarf tal-paġ. 549 u l-bidu tal-paġ. 550, fejn jingħad:— "Nè si può richiamare il principio di equità in favore del creditore, perchè egli è in colpa di aver lasciato un altro impossessarsi del titolo". U ara l-awturi ċitati in nota (1) paġ. 550, fosthom il-Laurent li (para. 543 loc. cit., fit-tarf tiegħu) jgħid għall-kreditur "...... subisca dunque le conseguenze della propria negligenza"; (b) f'dan il-każ partikulari, għal xi raġuni li baqgħet mistifikanti, il-konvenut kien ta ċ-ċedola lill-ħuh u ħallieh jieħu l-imgħax, u fil-fatt (il-konvenut jgħid fol. 24) dan ħuh ħadhom għal ħames snin. Għalhekk "imputet sibi" jekk l-appellant ma kienx fil-pussess taċ-ċedola, imma ħalliha disponibbli favur ħadd ieħor, li seta' biha jissorprendi l-bwona fede ta' impjegat tal-Bank attur. L-appellant ma ħax passi biex jirtiraha; infatti jgħid (fol. 24):— "Lill-ħija jiena qatt ma għamiltlu ittra uffiċjali biex jagħtina ċ-ċedola lura..."; u aktar l-isfel:— "Iċ-ċedola kienet f'idejn ħija. Minn dak iż-żmien jiena lill-ħija qatt ma kellimtu, il-għaliex kellu jinteressa ruħu l-Bank. Meta ħadt il-kapital, il-Bank kellu jżommlu ċ-ċedola";

Dwar it-tieni aggravju, dan hu superat bl-osservazzjonijiet li ġa saru għar-rigward tal-preġudizzjali "supra";

Dwar it-tielet aggravju, l-appellant ma għamelx prova konvinċenti ta' daqshekk. L-appellant xehed fis-sens li hu nkariga lill-Avukat Dr. Stephen Borg Cardona biex jikteb lill-Banka biex ma tagħtix aktar imgħax lill-ħuh, u li kien mar fis-sede tal-Bank biex javżahom fuq daqshekk. Dr. Borg Cardona xehed fl-istess sens, u qal li kiteb ittra lill-Bank fl-1956, u li kellu ittra responsiva tal-Bank. Ma ġietx eżibita kopja ta' din l-ittra, u lanqas ma ġie eżibit l-oriġinal tar-risposta. Iżda jidher ċar "aliunde" li tant l-ittra (jekk inkitbet), kif ukoll l-intervista, kienu jirrigwardaw il-kapital, u mhux l-imgħax. Difatti Dr. Borg Cardona definittivament jikkonnetti l-inċident mad-dokument fol. 16, li nkiteb preżumibbilment "a tempo vergine", u li jgħid univokament:— "Capital not to be paid without the consent of Salvatore Cassar". U bħala prova li, meta nkiteb dak id-dokument, il-"fons et origo" tiegħu kien il-fatt li ċ-ċedola kienet għand ħu l-konvenut, hemm il-kliem li jsegwi immedjatament:— "This receipt is being kept by his brother (Joseph)". Sciortino, l-impjegat tal-Banka attriċi, jiċħad (fol. 26) li kien hemm xi ittra ta' diffida għall-ħlas tal-imgħax; anzi ebda ittra ta' ebda xorta. Inoltre, il-konvenut ma spjegax, malgrado li xehed kemm il-darba, il-għaliex kien jagħti l-imgħax lill-ħuh; u mhux verosimili li hu ried jiddiffida l-Bank dwar il-ħlas tal-imgħax għax iġġieled ma' ħuh; infatti, jekk wieħed jaqra x-xhieda tiegħu konfuża fol. 25 u 26, isib li kien jagħtieh dawn l-imgħax anki meta ma kienx hemm ebda relazzjonijiet tajba bejniethom, u jgħid fol. 26 "aħna minn dejjem kważi miqsurin" (ara anki fol. 46). Lanqas ried jaderixxi għas-suġġeriment tal-avukat tiegħu li jfittex lill-ħuh għall-interessi (fol. 46). Anki l-kliem li qal il-konvenut fol. 10, "l-imgħax konna ħadnihom", li jistgħu jaċċennaw għal xiranġament ieħor ma' ħuh, li ma ġiex żvelat, u kien għalhekk, forsi, li ma ntqalet qatt ir-raġuni li għaliha ħuh kien jieħu l-imgħax, ma ġewx spjegati soddisfaċentement meta l-konvenut reġa' xehed fol. 49 u tergo. Il-kumpless taċ-ċirkustanzi, għalhekk jirrendi ferm dubja, u għalhekk mhux pruvata, il-pretiża diffida dwar il-pagament tal-imgħax;

Dwar ir-raba' aggravju, Sciortino spjega, fol. 10 u 11, f'liema ċirkustanzi ħallas bi żball. U l-iżball, "error

facti", hu l-fondament tal-azzjoni tar-ripetizzjoni tal-indebitu. Dan ma hux affattu l-każ kontemplat fis-sentenza Vol. XVIII, Parte Terza, paġ. 146, ċitata mill-appellant, li fih il-pagant ikun jaf li qiegħed iħallas dak li ma hux dovut. Sciortino, għall-kuntrarju, ħaseb dak il-mument li l-imgħax kien dovut. Evidentement (ara xhieda tiegħu fol. 27, u ara isem firmat "Charlie" fol. 116) il-predeċessur ta' Sciortino fl-impjeg, u mhux Sciortino, kien il-bniedem li kien "au courant" mal-inċidenti ta' dan id-depożitu;

Għalhekk, ġa ladarba f'Novembru tal-1957 ma kienx dovut ebda mgħax fuq iċ-ċedola in kwistjoni, għax l-import tagħha kien ġie depożitat fil-Qorti fl-1956 (fol. 49 u 61), l-imgħax tħallas bi żball bla ma kien dovut, u għar-raġunijiet fuq rilevati, hemm lok għar-ripetizzjoni tiegħu, b'leġittimazzjoni passiva korretta tal-azzjoni fil-persuna tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fl-ispejjeż. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenut appellant.